IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, l-20 ta' Novembru 2019**

# Ir-rappurtar tal-UE f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet ta' gassijiet serra huwa tajjeb, iżda hija teħtieġ għarfien aħjar dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni, jgħidu l-Awdituri

**Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, id-*data* dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE tiġi rrappurtata f'konformità mar-rekwiżiti internazzjonali u l-inventarji tal-emissjonijiet ittejbu matul iż-żmien. Madankollu, jinħtieġ għarfien aħjar dwar setturi speċifiċi bħall-agrikoltura u l-forestrija, jgħidu l-awdituri. Huma jissuġġerixxu wkoll li jsir aktar titjib fir-rappurtar tal-mod kif il-politiki ta' mitigazzjoni, kemm dawk nazzjonali kif ukoll tal-UE, jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti għall-2020, l-2030 u l-2050.**

L-UE qed tipparteċipa fi sforzi globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u qed timmira għal tnaqqis ta' 20 % sal-2020, 40 % sal-2030 u 80-95 % sal-2050. Biex jimmonitorjaw il-progress li sar lejn il-kisba ta' dawn l-għanijiet, l-UE u l-Istati Membri tagħha jirrappurtaw kull sena l-inventarji tal-gassijiet serra tagħhom. Huma jfasslu wkoll projezzjonijiet biex jistmaw il-progress fit-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-ġejjieni, u biex jindikaw jekk il-politiki u l-miżuri ta' mitigazzjoni humiex se jkunu effettivi.

L-awdituri eżaminaw jekk il-Kummissjoni Ewropea, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, kinitx ivverifikat b'mod xieraq il-kwalità tal-inventarji tal-gassijiet serra tal-UE u tal-informazzjoni dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet previsti fil-livell tal-UE.

L-awdituri sabu li l-inventarji tal-UE u tal-Istati Membri kienu jkopru kemm is-seba' gassijiet serra prinċipali kif ukoll is-setturi ewlenin kollha, kif meħtieġ mir-regoli internazzjonali tar-rappurtar. Huma sabu wkoll li matul iż-żmien kien hemm titjib fl-inventarju tal-gassijiet serra tal-UE. L-eżaminar tal-kwalità tal-inventarji kien sodisfaċenti u l-livell kumplessiv ta' inċertezza kien naqas fi snin reċenti, għalkemm għas-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) ma twettqux l-istess tipi ta' kontrolli bħal fil-każ ta' setturi oħra.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [eca.europa.eu](eca.europa.eu).*

**ECA Press**

**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**

**E: press@eca.europa.eu    @EUAuditors    eca.europa.eu**

*"It-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, biex b'hekk jiġi llimitat it-tisħin globali, huwa sfida prevalenti li l-UE trid tiffaċċja"*, **qal Nikolaos Milionis, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport**. *"Il-Kummissjoni tistinka biex tipprovdi data preċiża dwar il-livelli tal-emissjonijiet. Issa, jenħtieġ li hija ttejjeb aktar l-informazzjoni dwar ix-xejriet u l-istimi tal-impatti tal-politika."*

Biex tikseb tnaqqis fl-emissjonijiet sal-2020, l-UE stabbiliet miri li jinkludu l-biċċa l-kbira mid-*data* rrappurtata, inkluż għall-avjazzjoni internazzjonali. Madankollu, għas-settur tal-LULUCF, l-ewwel miri huma stabbiliti għall-2030, filwaqt li għat-trasport marittimu internazzjonali dawn huma stabbiliti għall-2050, mingħajr miri intermedji jew miżuri ta' tnaqqis fil-livell tal-UE. Il-gwida u l-assistenza tal-UE għenu lill-Istati Membri biex itejbu l-previżjonijiet tagħhom. Madankollu, l-awdituri jwissu li l-Kummissjoni ma vvalutatx ir-riskju ta' devjazzjonijiet sinifikanti mix-xenarju ta' referenza globali proprju tagħha għall-UE. Attwalment, il-projezzjonijiet aggregati tal-Istati Membri wara l-2023 juru li t-tnaqqis fl-emissjonijiet huwa inqas minn dak previst mix-xenarju ta' referenza tal-Kummissjoni.

Reċentement, il-Kummissjoni ppreżentat viżjoni strateġika fit-tul biex l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050. Hija żviluppat ukoll bosta pjanijiet direzzjonali għall-iżvilupp ta' setturi li huma responsabbli għal 70 % tal-emissjonijiet, bħalma huma dawk tat-trasport u tal-enerġija. Madankollu, ma hemm l-ebda pjan direzzjonali speċifiku ta' dan it-tip għal setturi ewlenin oħra, inklużi l-LULUCF u l-agrikoltura, billi l-Politika Agrikola Komuni hija ddefinita fuq ċiklu ta' seba' snin. Fl-aħħar nett, minkejja li l-Kummissjoni twettaq kontrolli tal-kwalità fuq l-informazzjoni li tiġi ppreżentata mill-Istati Membri, ir-rappurtar dwar l-effetti tal-miżuri attwali għadu mhuwiex komplet. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma tistax tippreżenta stampa dettaljata ta' kif il-politiki u l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-UE u dawk nazzjonali jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti għall-2020, l-2030 u l-2050.

**Noti lill-Edituri**

Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU jistma li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkawżati mill-bniedem wasslu biex sal-lum it-temperaturi globali jiżdiedu b'madwar 1.0  C aktar mil-livelli preindustrijali. L-effetti suċċessivi ta' din iż-żieda jinkludu żidiet fil-livell tal-baħar u fenomeni tat-temp aktar estremi. Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li għandha l-għan li tistabbilizza l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra, ġiet iffirmata fl-1992. Passi ulterjuri ttieħdu permezz tal-Protokoll ta' Kjoto (1997) u, aktar reċentement, permezz tal-Ftehim ta' Pariġi (2015). Sal-2017, l-UE kienet naqqset l-emissjonijiet tagħha b'21.7 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990.

Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2019 "L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE: rappurtar tajjeb, iżda jinħtieġ għarfien aħjar dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE. Huwa jsegwi pubblikazzjonijiet oħra li l-QEA ħarġet din is-sena dwar suġġetti relatati mill-qrib, notevolment ir-rapport speċjali dwar il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej u r-rapport analitiku rigward ir-rappurtar dwar is-sostenibbiltà fl-UE.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika.

**Kuntatt għall-Istampa għal dan ir-rapport**

Vincent Bourgeais – E: vincent.bourgeais@eca.europa.eu
T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502